

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1321**tas-26 ta' Lulju 2016****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid xi subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), għar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Stephen QUEST
Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett (l-hekk imsejħa “branda bi struttura”), b’dimensjonijiet ta’ madwar 230 × 140 × 205 cm. Jikkonsisti f’armatura trijangolari li titpoġġa fuq l-art, iffabbrikata minn żbarri tal-metall (tal-azzar), li fiha tiddendel superfiċi orizzontali fejn wieħed jista’ jistrieħ. Il-kejl tas-superfiċi orizzontali huwa ta’ 100 × 190 cm (Wisa’ × Tul) u hija magħmula minn kopertura tad-drapp li żżomm fuq erba’ vireg tal-azzar, li t-tnejn it-twal minnhom huma kemm-xejn mgħawwġin filwaqt li t-tnejn il-qosra huma dritti. Dan l-oġġett huwa mgħammar b’“saqaf” tad-drapp u bi xbieki kontra n-nemus.</p> <p>L-oġġett jiżen 45 kg u kapaċi jiflaħ persuni li jiżnu sa 180 kg. Huwa ffabrikat minn materjal reżistenti għat-temp u allura jista’ jintuża barra wkoll.</p> <p>(*) Ara l-istampa.</p>	<p>9403 20 80</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita skont ir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 2 tal-Kapitolu 94 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 9403, 9403 20 u 9403 20 80.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi tiegħu, l-aktar il-piż u d-diffikultà biex jiżżarma, il-prodott ma jistax jinġarr faċilment biex jintuża għall-kampejġ. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni bħala oġġetti għall-kampejġ taħt l-intestatura 6306 hija eskluża.</p> <p>L-oġġett huwa “mobbli” u minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu huwa mibni biex jitpoġġa fuq l-art jew fuq il-paviment. Jintuża, bi skop prinċipalment Prattiku, bħala biċċa għamara fuq barra bħal pereżempju fil-ġonna ta’ djar privati, ta’ lukandi u ristoranti, eċċ. (ara wkoll in-Noti ta’ Spejga tas-Sistema Armonizzata, fil-Kapitolu 94, Ġenerali, (A)). Għalhekk, l-oġġett jitqies bħala “għamara” magħmula minn materjali differenti u għandu jkun ikklassifikat fl-intestatura 9403 skont il-materjal li minnu hija ffabrikata l-armatura (il-frej) u li jagħti lill-apparat id-dehra speċifika tiegħu.</p> <p>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 9403 20 80 bħala għamara oħra tal-metall.</p>

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta’ informazzjoni.

